MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Rikors Numru. 5/2004/1

Brian Vella
vs
Avukat Generali tar-Republika, Registratur tal-Qorti u Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' l-attur li bih ippremetta:

Illi r-rikorrent kien akkuzat quddiem il-Qorti Kriminali b'akkuzi konnessi ma' serq kwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju) fost akkuzi ohra u dana fil-guri fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella" (Att ta' Akkuza numru 4/03. Illi l-imsemmi guri beda fit-2 ta' Frar 2004.

Illi fil-mori tal-proceduri fuq imsemmija ntaghzlu l-gurati, saret ir-rikuzatorja tal-intimat Avukat Generali u bdew

jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Illi fost ix-xhieda li kienu gja taw id-depozizzjoni taghhom kien hemm l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, li incidentalment kien ukoll ufficjal investigattiv fil-kaz in dezamina.

Illi waqt it-testimonjanza ta' dan ix-xhud l-istess xehed dwar verzjoni ta' allegati fatti kif gew rakkontanti lilu minn certu Domnic Bonnici li kien ko-awtur mar-rikorrent Brian Vella.

Illi l-process penali u l-guri ta' l-imsemmi ko-awtur Domnic Bonnici ghadu ***sub-judice*** u l-guri tieghu kien ghadu f'dan l-istadju mhux appuntat. Illi waqt li l-intimat Kummissarju tal-Pulizija beda jirrakkonta x'qallu Bonnici d-difiza tar-rikorrent oggezzjonat ghal tali xhieda u dana peress illi dak li rrakkonta haddiehor lil xhud kien jikkostitwixxi ***"hearsay evidence"*** u ghalhekk ma kienx ammissibbli bhala prova. Illi nonostante l-oggezzjoni tad-difiza, il-Qorti Kriminali kif presjeduta ghazlet li minflok twaqqaf ix-xhud u tordnalu jixhed biss fuq fatti li jaf huwa, l-istess Gudikant indirizza lill-gurati u qalilhom "… *mela dak li qal is-sur Rizzo, li qallu xi hadd iehor anke jekk mhux Duminku Bonnici, xi hadd iehor, jekk ma jigix dak il-haddiehor u jghidu hawn tibqa' in arja din u ma tkunx prova... difatti fejn l-ewwel kien ser jghid xi haga li mhux ser jghidilna minn qalilu l-anqas biss hallejtu jghidha, dak zgur li mhux gej jghida hawn allura zgur li ma nistax inhalliha. F'dan il-kaz qed jghidilna minn qalilu, tajjeb, tibqa' hearsay in suspense jekk imbaghad 'i1 quddiem wiehed irid jikkontrolla lil Duminku mbaghad wiehed jara meta naslu ghal dak l-istadju"*

Illi sussegwentement il-prosekuzzjoni talbet ukoll li jitla' jixhed il-ko-awtur Domnic Bonnici. Illi d-difiza tar-rikorrent oggezzjonat ghall-produzzjoni ta' tali xhud stante li x-xhieda tieghu kienet f'dan l-istadju inammissibbli u dana a tenur tal-artikolu 636(a)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana senjatament peress illi f'dan l-istadju ma kienx hemm dikjarazzjoni ta' htija u sentenza finali fil-konfront tal-imsemmi Bonnici.

Illi l-Qorti Kriminali f'digriet taghha tal-4 ta' Frar 2004, jum wara t-testimonjanza tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, laqghet it-talba tad-difiza u ordnat li x-xhud tal-prosekuzzjoni Bonnici ma setax jigi prodott bhala xhud. Illi sfortunatament il-Qorti msemmija minflok waqfet hemm kif kellu jsir u l-guri jitkompla ghaddiet sabiex ixxolji ex-officio l-guri u dana minhabba li skond il-Qorti: *"Issa pero` in vista ta' dan l-izvilupp imprevist u cioe` li Domnic Bonnici ma jistax jixhed f'dawn il-proceduri sakemm il-kaz tieghu jghaddi in gudikat ser ikun hemm il-perikolu lampanti u manifest, li ghalkemm dan ma jithalliex jixhed, il-gurati jistghu xorta wahda jibqghu influenzati avversament bix-xhieda li gia lahqet inghatat minn xhud iehor dwar dak li kien qal u ghamel Bonnici fir-rigward tal-akkuzat Brian Vella u dan jista' ghalhekk johloq perikolu manifest ta' "miscarriage of justice" fil-konfront tal-akkuzat, ghax b'dan jista' jigi pregudikat serjament id-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq".*

Illi d-decizjoni tal-Qorti msemmiija kienet zbaljata minhabba f'zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok il-Qorti kellha twaqqaf lill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u ma thalliehx jixhed b'mod irregolari u senjatament jaghti deposizzjoni li hija kollha ***"hearsay evidence"*** u dana sahansitra wara li saret oggezzjoni f'zewg okkazzjonijiet mid-difiza. Fit-tieni lok il-Qorti qatt ma' kellha xxolji l-guri tar-rikorrent u dana peress illi kull ma kellu jsir ***se mai*** kien li fl-indirzz tal-Imhallef Togat lill-gurati, il-Qorti tiggwida lill-gurati billi tghidilhom li x-xhieda tas-Sur Rizzo kienet ***"hearsay evidence"***, haga li l-Qorti kienet addirittura gja ghamlet kif fuq ikkwotat.

Illi r-rikorrent irritjena li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali meta xoljiet il-guri tieghu fid-digriet tal-4 ta' Frar 2004, kienet wahda li tmur kontra d-dritt Kostituzzjonali ta' smiegh xieraq u dana peress illi max-xoljiment, ir-rikorrent seta' sab ruhu f'sitwazzjoni fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni Domnic Bonnici kien seta' jigi prodott bhala xhud tal-prosekuzzjoni u dana peress li gie sorvolat l-impediment li jezisti ***ai termini*** tal-artikolu 636(a)(b). Illi jekk ikunx hemm jew le decizjoni finali fil-konfront ta' Bonnici certament ma hijiex xi haga li hija fil-kontroll tar-rikorrent.

Illi inoltre nghad ukoll li waqt il-process tieghu r-rikorrent sofra pregudizzju u dana peress illi sezzjonijiet tal-media, kemm tal-istampa u kif ukoll il-viziv, ikkummentaw bi prominenza dwar dak li xehed il-Kummissarju Rizzo u dana anke meta wiehed iqis li l-guri tar-rikorrent kien ser jerga' jsir u kellhom jergghu jintghazlu gurati godda li jkunu influenzati b'dak li gie rappurtat.

Illi ghalhekk l-uniku rimedju sabiex jigi garantit li jkun hemm smiegh xieraq kif jitlob l-artikolu 39 tal-Kostituzjoni ta' Malta u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, huwa li r-rikorrent meta jergghu jibdew il-proceduri tieghu (***i.e. re-trial***) jerga' jitpogga fl-istess stat li kien fih qabel, fis-sens illi x-xhud Domnic Bonnici ma jkunx producibbli bhala xhud.

Illi tali sottomissjoni saret, peress illi r-rikorrent kienu tal-fehma, li l-guri tieghu gie xolt, mhux biss biex ikun hemm garanzija li ma jinholoqx "perikolu manifest ta' ***miscarriage of justice*** fil-konfront tal-akkuzat" izda sabiex fil-waqt li l-guri tar-rikorrent ikun ghadu ***sine die***, jistenna li jigi ri-appuntat, l-intimat Avukat Generali, jilhaq jikkonkludi l-proceduri fil-konfront ta' Domnic Bonnici sabiex b'hekk wara dan ix-xhud ikun jista' jixhed liberament. Illi jekk dan isir id-dritt fundamentali ta' "fair trial" jigi serjament pregudikat u dana peress li nkunu qeghdin nirrendu s-sistema proceduralі dipendenti fuq il-mod ta' meta u kif l-intimat Avukat Generali iqassam ix-xoghol tieghu u meta johrog l-atti tal-akkuzi.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Prim'Awla (Sede Kostituzjonali) sabiex tiddikjara li l-agir tal-intimati fil-konfront tar-rikorrent jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta partikolarment l-art. 39 u d-disposizzjonijiet tal-Att Nru. XIV tal-1987 dwar smiegh xieraq u dana peress illi l-guri fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Brian Vella" ma kellu qatt jigi xolt u fit-tieni lok il-Qorti tordna li meta jerga' jigi ri-appuntat il-guri tar-rikorrent, fi zmien xieraq u ragonevoli, ix-xhud Domnic Bonnici jibqa' mhux producibbli bhala xhud u dana sabiex ir-rikorrent jibqa' fl-istess sitwazzjoni legali li kien jinsab fiha sal-4 ta' Frar

2004, meta l-process tieghu gie ex-ufficju xolt, erronjament. Il-Qorti ghandha wkoll tiehu dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni fic-cirkostanzi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li eccepew:

1. Illi, preliminarjament, ir-Registratur tal-Qorti u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-legittimi kontraditturi, gew ingunti inutilment u, ghalhekk, ghandhom jigu liberati bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

2. Illi preliminarjament, ukoll, ir-rikorrent intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mid-Digriet tal-Qorti Kriminali li qieghed jattakka b'dan ir-rikors, u stante li minn dana stess jidher illi hu ghandu disponibbli mezzi xierqa biex iressaq il-lanjanzi tieghu bi proceduri ordinarji, il-Qorti giet mistiedna tezercita d-diskrezzjoni taghha skond il-proviso tal-artikolu 46(e) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u tiddeklina li tkompli tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern.

3. Illi fil-mertu, l-allegazzjoni tar-rikorrent illi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-4 ta' Frar, 2004, kiser, qieghed jikser jew jista' jikser id-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq, hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt, u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu.

4. Illi l-Qorti Kriminali kienet korretta meta indirizzat bil-mod kif fil-fatt indirizzat lill-gurati dwar ix-xiehda tal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, dwar x'jikkostitwixxi u kif ghandu jigi trattat il-'***detto del detto'***, jew '***hearsay evidence'***, u ma ghamlet xejn b'hekk li naqqset xi dritt tar-rikorrent taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu analogu tal-Kapitolu 319.

5. Illi kien ukoll biex tittutela d-drittijiet tar-rikorrent illi dik il-Qorti, anke fid-dawl tal-artikolu 436(3)(c) tal-Kodici Kriminali, ghamlet id-digriet taghha tal-4 ta' Frar, 2004.

6. Illi r-rikorrent qatt ma qajjem xi eccezzjoni dwar l-ammissibilita` jew il-producibilita` tax-xhud Domnic Bonnici quddiem il-Qorti Kriminali f'xi stadju qabel l-istess Domnic Bonnici gie msejjah fuq il-pedana biex jaghti x-xiehda tieghu, u s-silenzju tieghu sa dak il-mument kien mhux difiza tal-interessi tar-rikorrent biex mieghu jsir haqq u gustizzja f'process bi smigh xieraq, izda attentat biex il-Qorti tigi indotta fi zball u biex tigi okkultata l-verita`.

7. Illi l-producibilita` u l-ammissibilita` tax-xhud Domnic Bonnici hi u ghandha tibqa' f'idejn il-Qorti li quddiemha ghandu jigi ccelebrat il-process li jmiss lilha li taghmel f'dak kollu li mhux projbit jew mhux ordnat mil-ligi taht piena ta' nullita`, kull ma jidhrilha fid-diskrezzjoni taghha, li hu mehtieg ghat-tikxif tal-verita` (art. 436(3)(c) - Kap. 9).

8. Illi l-Qorti Kriminali li quddiemha jigi ccelebrat il-process mill-gdid tar-rikorrent ghandha s-setghat kollha mehtiega biex tidderigi lill-gurati halli jinjoraw haga li jkunu semghu barra mill-process u biex joqghodu biss fuq il-provi prodotti fl-Awla.

9. Illi l-Qorti li quddiemha jerga' jinstema' l-process hi wahda mwaqqfa skond il-ligi, hi oggettivament u soggettivament indipendenti u imparzjali u ma hemm xejn x'jindika li l-process tar-rikorrent ser isir b'xi mod li ma jkollux smiegh xieraq.

10. Illi ma hemm xejn li jnaqqas minn 'fair trial' jekk l-intimat Avukat Generali jqassam ix-xoghol tieghu u johrog l-atti ta' akkuza b'mod illi b'hekk jirnexxielu jgib il-provi kollha possibbli quddiem il-gudikanti, anzi dak li jippregudika l-'fair trial' hu li wiehed jipprova b'makkinazzjonijiet inaqqas il-possibilita` lill-Qorti milli tikkunsidra x-xhieda li tista' titfa' dawl fuq il-fatti.

Ghaldaqstant, l-intimati ghar-ragunijiet fuq dedotti u dawk li setghu jingiebu fit-trattazzjoni, issottomettew illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Frar 2004 gie verbalizzat hekk:
"Dr. Edward Gatt jirrileva li b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat li fil-fatt ma hemmx appell pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell stante li n-nota tal-Appell li giet prezentata ma gietx segwita bir-rikors opportun; in vista ta' dan l-intimat l-Avukat Generali ma jinsistix fuq din l-eccezzjoni. "

Rat l-ordni ghall-allegazzjoni tal-kopja tal-process "Ir-Repubblika ta' Malta vs Brian Vella" wara talba f'dan ir-rigward.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

1. L-ewwel ***eccezzjoni preliminari hija li r-Registratur tal-Qorti u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-legittimi kontradditturi***, u gew ingunti inutilment u, ghalhekk, ghandhom jigu liberati bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Issa fil-kawza fl-ismijiet **Lucien Stafrace nomine vs Agent Registratur tal-Qrati et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-9 ta' Novembru 1988 [LXXII-I-127] ir-rikorrenti talbu rimedju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, billi fil-fehma taghhom, proceduri pendenti quddiem l-istess Qorti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kienu damu zmien irragonevoli. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba tar-rikorrenti billi ddikjarat it-tul tal-procedura msemmija bhala jikser l-artikoli rilevanti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja, imma cahdet it-talba ta' l-istess ghal sodisfazzjoni gusta finanzjarja. Fuq appell sija tar-rikorrenti kemm ta' l-intimati, il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat u lliberat lill-intimati Registratur tal-Qorti, Ministru tal-Gustizzja u Kummissarju tal-Pulizija

mill-osservanza tal-gudizzju billi ma kienux il-legittimi kontraditturi. Il-Qorti hasset li r-Registratur tal-Qrati ma kienx persuna idonea biex joqghod f'gudizzju tali billi bhala kap ta' dipartiment hu jirrapprezenta lill-Gvern fil-kwistjonijiet li jirrigwardaw l-andament ordinarju ta' l-amministrazzjoni pubbliku inerenti ghal dak id-dipartiment, u l-kwistjoni prezenti ma kenitx tidhol f'tali xorta ta' mansjonijiet. Sostniet ukoll li l-Ministru jirrapprezenta d-Dipartiment tieghu, pero` l-kawza prezenti ma kenitx wahda li tirrigwarda l-funzjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja jew ta' l-Intern. L-istess haga wkoll tinghad ghall-Kummissarju tal-Pulizija.

Fil-kawza **Carmelo sive Charles Delia et vs Registratur tal-Qrati in rapprezentanza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri et.** deciza fil-25 ta’ April, 1990 [Vol. LXXIV-I-91] l-istess Qorti Kostituzzjonali li quddiemha gie sollevat ghall-ewwel darba fil-kawza l-punt tal-legittimita` tal-persuna ta’ l-intimat, laqghet eccezzjoni simili sollevata mill-intimat Registratur tal-Qrati u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti sostniet li r-Registratur tal-Qrati m’ghandhux ir-rapprezentanza tal-Qrati u hu mhux persuna legittima biex joqghod f’kawza fejn jigi allegat li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent gew vjolati bi proceduri pendenti quddiem il-Qorti .

Permezz tal-Att XXIV tal-1995 gie introdott l-artikolu gdid 181 B. Dan jispecifika min ghandu jirraprezenta l-Istat fi proceduri fil-Qrati b‘mod specifiku u fis-subinciz (1) jghid li:
“(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni…
(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.”

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et** deciza fl-14 ta’ Marzu 2002 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Imh. P. Vella, proprju dwar eccezzjoni simili li giet sollevata mir-Registratur tal-Qrati f’kawza dwar "fair hearing" minhabba dewmien fil-

proceduri kagjonati mill-avversarja u minn Imhallef li ghal xi zmien kien qed jippresjedi l-istess proceduri, il-Qorti rriteniet li :

"l-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat. Illi huwa ben saput li fid-dritt Kostituzzjonali u konvenzjonali li l-Gudikatura hija indipendenti mill-Ezekuttiv u certament ma tistax titqies bhala Dipartiment tal-Gvern.

Ir-Registratur tal-Qrati ma kellu ebda kontroll fuq dawk il-proceduri partikolari u inqas ma kien involut b'xi mod fil-materja fil-mertu tar-rikors promotur. Hu ben risaput li l-Gudikatura hi organu indipendenti mill-Ezekuttiv u hu f'dan is-sens mela li jekk id-dewmien lamentat mir-rikorrent hu attribwibbli ghall-operat tal-Qorti allura r-Registratur tal-Qorti, li hu biss inkarikat mill-amministrazzjoni tal-Qrati u mhux ukoll mill-operat tal-gudikant, ma jistax hawnhekk ikun legittimu kontradittur".
Kien ghalhekk li dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mir-Registratur tal-Qrati u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju .

Ukoll fis-sentenza tal-kawza **Edmond Mugliette vs Registratur tal-Qorti tal-Revizjoni tal-Atti Nutarili** deciza fit-12 ta' Gunju 2002 mill-Prim Awla [sede Kost] mill-Imh. J. Galea Debono insibu:
"Issa fil-kaz odjern minn ezami akkurat tar-rikors promotur u d-depozizzjoni guramentata tar-rikorrent, imkien ma jidher li r-rikorrent qed jallega xi nuqqas jew abbuz fl-agir tar-Registratur tal-Qorti tal-Atti tar-Revizjoni Notarili ***"ut sic"***, imma qed jilmenta biss mill-operat tal-Imhallef li qed jippresjedi dik il-Qorti li bl-agir tieghu qed jikkostringieh joqghod ghall-ordnijiet u restrizzjonijiet fuq il-movimenti tieghu li jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu li cahadlu

diversi rikorsi tieghu biex hu jigi ezentat minn dawn ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta` ta' azzjoni tieghu u fuq l-uzu u t-tgawdija tal-proprjeta tieghu u sahansitra intimalu l-possibilita' li jkollu jiffaccja proceduri ghad-disprezz tal-awtorita` tal-Qorti jekk ma jkomplix jattendi ghall-accessi. Qed jilmenta wkoll sa certu punt mill-agir tal-inventarjant tal-atti tan-Nutar Hayman nominat mill-istess Qorti, li qed izomm accessi ta' spiss fil-fond li jappartjeni lilu u b'hekk jikkostringieh li jkun prezenti biex jiftah u jaghalaq u b'hekk ma jistax jattendi ghall-attivitajiet ohra normali tal-hajja tieghu u ghall-safar fuq xoghol. Inoltre r-rikorrent qed jilmenta ukoll mill-fatt li l-Gvern ma ipprovdiex post iehor adegwat fejn jistghu jinzammu l-atti pubblici u dokumenti kollha li kien hemm fl-ufficju tal-mibki Nutar John Hayman, post li pero`, kif semghet din il-Qorti, qed jigi allestit min-Nutar tal-Gvern, Dr. Franco Pellegrini li hu l-kap tad-dipartiment koncernat.

Illi zgur li mhux funzjoni ordinarja tar-Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Notarili li jipprovdi post fejn jistghu jinhaznu dawn id-dokumenti notarili, tant li din ir-responsabblta' giet assunta u mistennija li titwettaq f'qasir zmien min-Nutar tal-Gvern kif fuq intqal, li huwa l-kap tad-dipartiment koncernat .

Ghalhekk jekk xejn il-lanjanza tar-rikorrent dwar id-dewmien li qed jiltaqa' mieghu biex id-dokumenti jittiehdu mill-fond li jappartjeni lilu u jinhaznu band'ohra ghandha tkun diretta kontra l-kap tad-dipartiment li bil-ligi jrid jahseb ghal tali eventwalita`. Imbaghad, in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrent huma diretti kontra l-operat tal-Imhallef u tal-Inventarjant tal-atti tal-imsemmi Nutar, ladarba dawn huma indipendenti mill-intimat u ma johdux ordnijiet minghandu izda jigri proprju l-kuntrarju, huwa ovvju li l-intimat odjern ma ghandux kontroll fuq l-operat taghhom u li xi nuqqas allegat fil-konfront taghhom, ma ghandux jirrispondi quddiem il-Qrati ghalih l-intimat .

Ghalhekk kemm fid-dawl tal-emendi ghall-Art. 181 ta-Kap. 12 u l-insenjament tal-gurisprudenza in materja fuq citat, jidher b'mod car li l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Registratur tal-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili, li hu

mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri hija altru milli fondata, u ghalhekk qed tigi milqugha."

Bl-istess mod jinghad li l-ilment fir-rikors odjern ma humiex diretti versu l-operat tar-Registratur tal-Qorti izda kontra dak tal-Imhallef u kontra l-Kummissarju tal-Pulizija [ghalkemm dan tal-ahhar dwar il-mod kif iddepona]. Ghall-istess motivi l-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Registratur tal-Qorti u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent. Ma jistax jinghad f'dan l-istadju xejn dwar l-istess eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija minhabba li r-rikorrent qieghed isostni li hu gie milqut negattivament bid-depozizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija.

2. Dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimati li ***r-rikorrent intavola appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mid-Digriet tal-Qorti Kriminali li qieghed jattakka b'dan ir-rikors, u stante li minn dana stess jidher illi hu ghandu disponibbli mezzi xierqa biex iressaq il-lanjanzi tieghu bi proceduri ordinarji, dina l-Onorabbli Qorti hi mistiedna tezercita d-diskrezzjoni taghha skond il-proviso tal-artikolu 46(e) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 u tiddeklina li tkompli tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern*** jinghad li fis-seduta tad-9 ta' Frar 2004 gie verbalizzat li "Dr Edward Gatt jirrileva li b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat li fil-fatt ma hemmx appell pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell stante li n-nota tal-Appell li giet prezentata ma gietx segwita bir-rikors opportun; in vista ta' dan l-intimat l-Avukat Generali ma jinsistix fuq din l-eccezzjoni. " Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex aktar tali eccezzjoni quddiemha, ghalkemm dejjem ghandha d-dritt li jekk jidhrilha opportun tissoleva l-punt hi stess dejjem taht il-proviso tal-artikolu 46 (2) u mhux kif indikat mir-rikorrent.

It-tielet eccezzjoni tal-intimati tghid li: "fil-mertu, l-allegazzjoni tar-rikorrent illi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-4 ta' Frar, 2004, kiser, qieghed jikser jew jista' jikser id-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq, hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt, u t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu."

Ghalhekk il-Qorti trid l-ewwel nett tevalwa dak li gara biex tara jekk hux veru kif jallega r-rikorrent “illi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-4 ta’ Frar, 2004, kiser…. id-drittijiet tieghu ghal smiegh xieraq”.

Irrizulta li fil-kors tal-proceduri ntaghzlu l-gurati, saret ir-rikuzatorja tal-intimat Avukat Generali u bdew jinstemghu x-xhieda tal-prosekuzzjoni. Illi fost ix-xhieda li kienu gia taw id-depozizzjoni taghhom kien hemm l-intimat il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, li incidentalment kien ukoll ufficjal investigattiv fil-kaz in dezamina. Illi waqt it-testimonjanza ta’ dan ix-xhud l-istess xehed dwar verzjoni ta’ allegati fatti kif gew rakkontanti lilu minn certu Domnic Bonnici li allegatament kien ko-awtur mar-rikorrent Brian Vella. Saret l-oggezzjoni mid-difiza minhabba r-regola tal-***detto del detto’.***

In segwitu l-Qorti xoljiet il-guri u ddegretat: “Issa pero` in vista ta’ dan l-izvilupp imprevist u cioe` li Domnic Bonnici ma jistax jixhed f’dawn il-proceduri sakemm il-kaz tieghu jghaddi in gudikat ser ikun hemm il-perikolu lampanti u manifest, li ghalkemm dan ma jithalliex jixhed, il-gurati jistghu xorta wahda jibqghu influenzati avversament bix-xhieda li gia lahqet inghatat minn xhud iehor dwar dak li kien qal u ghamel Bonnici fir-rigward tal-akkuzat Brian Vella u dan jista’ ghalhekk johloq perikolu manifest ta’ “miscarriage of justice” fil-konfront tal-akkuzat, ghax b’dan jista’ jigi pregudikat serjament id-dritt tieghu li jkollu smiegh xieraq”.

Issa b’ dan l-agir hu veru li kif jallega r-rikorrent tali decizjoni kienet wahda li tmur kontra d-dritt Kostituzjonali ta’ smiegh xieraq tieghu. Hawn wiehed irid jezamina mhux jekk bhala stat ta’ fatt f’guri futur jixhidx jew le l-allegat ko-awtur u bil-konsegwenzi ta’ dan, izda jekk b’dak li sar fil-fatt kienx hemm ksur tas-smiegh xieraq. Jinghad li r-rikorrent ma kellu ebda dritt kwezit li Domnic Bonnici ma jixhidx kontra tieghu u kien biss bhala rizultat tad-decizjoni li jigi appuntat guri qabel l-iehor ghar-ragunijiet indikati li r-rikorrent kien sejjer jiggwadanja minn dan il-

fatt. Huwa veru li parti mid-deposizzjoni li ta l-intimat Kummissarju tal-Pulizija mhux suppost li inghatat izda l-gudikant li ppresjeda l-guri kien ferm prudenti u hares lejn d-drittijiet tal-imputat meta ghar-ragunijiet minnu moghtija xolja l-guri minhabba li seta' "ikun hemm il-perikolu lampanti u manifest, li ghalkemm dan ma jithalliex jixhed, il-gurati jistghu xorta wahda jibqghu influenzati avversament bix-xhieda li gia lahqet inghatat minn xhud iehor dwar dak li kien qal u ghamel Bonnici fir-rigward tal-akkuzat Brian Vella u dan jista' ghalhekk johloq periklu manifest ta' "miscarriage of justice" fil-konfront tal-akkuzat". Il-Qorti tahseb li seta' jkun hemm in-nuqqas tas-smiegh xieraq jekk ma sarx propju dak id-digriet u sewwa agixxa l-gudikant meta xolja l-guri f'dak l-istadju. Sfortunatament l-intimat Kummissarju tal-Pulizija kien lehaq xehed dak li jirrizulta mill-atti processwali izda l-ilment stess tar-rikorrent ghalkemm isemmi li intqal dak il-kliem jaghmel l-enfasi tieghu fit-talba tieghu "peress illi l-guri fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Brian Vella" ma kellu qatt jigi xolt". Ghalhekk il-Qorti ma ssibx li bix-xoljiment tal-guri inkisru d-drittijiet tar-rikorrent ghal smiegh xieraq u f' dan ir-rigward tilqa' t-tielet eccezzjoni.

Fl-istess tielet eccezzjoni taghhom l-intimati cahdu l-allegazzjoni tar-rikorrent bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt li jista' jinkiser xi dritt tas-smiegh xieraq tar-rikorrent. Infatti r-rikorrent fit-talba tieghu finali ghandu zewg talbiet u cioe` wahda li bid-decizjoni dwar ix-xoljiment tal-guri inkiser is-smiegh xieraq tieghu u din giet trattata hawn fuq, u fit-tieni lok li l-Qorti ghandha tordna li meta jerga' jigi riappuntat il-guri tar-rikorrent ix-xhud Dominic Bonnici jibqa' mhux producibbli bhala xhud halli b' hekk ir-rikorrent jibqa' fl-istess sitwazzjoni legali li kien fiha fl-4 ta' Frar 2004. Hawnhekk il-Qorti jkollha bil-fors tikkummenta li hi ma tista' qatt tasal u ticcensura li ma kienx hemm smiegh xieraq fuq xi haga li trid issir fil-futur. Il-kwistjoni jekk Dominic Bonnici jixhedx jew le hija haga li certament m' ghandhiex tkun haga li f' dan l-istadju tigi ezaminata minn din il-Qorti u dan propju ghax il-kwistjoni ghadha fil-verita` ma tezistix ghalkemm possibbli u fi kwalunkwe kaz certament li hu applikabbli dak li jsemmi l-proviso tas-sub-artikolu 2 tal-artikolu 46, ghax hija haga li

ghandha titqajjem fil-Qorti Kriminali u semmai ir-rikorrent ikollu dritt ta' appell minn tali decizjoni, izda li din il-Qorti m' ghandhiex certament s' issa tindahal fiha. Ghalhekk tilqa' t-tielet eccezzjoni taht dan l-aspett ukoll.

Stante li l-Qorti laqghet it-tielet eccezzjoni tal-intimati mhux il-kaz aktar li tezamina l-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati. Tichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------